# L-EQDEM STATWA FL-INJAM FIL-KOLLEĠĠJATA S. PAWL, RABAT

*mill-Kan. Dun Ġwann Azzopardi* Lic.D.

Il-gżejjer Maltin sa minn żminijiet l-aktar imbegħda ikkultivaw l-arti ta' l-iskultura, li nsibuha maħduma fit-terrakotta, fil-ġebla Maltija li tant tippresta ruħha għal din l-arti, fl-irħam, fil-bronż, fil-kartapesta, fil-ġibs u fi żminijietna fil-fibreglass (cold cast).

L-eqdem statwa f'pajjiżna, magħrufa u studjata mad-dinja kollha, hi l-istatwa tal-mara fertili li nstabet fit-tempji ta' Ħal Tarxien u llum tinsab fil-Mużew Nazzjonali ta' l-Arkeoloġija.

L-opra statwarja għadha tinħadem sallum u barra milli żżejjen il-knejjes u l-palazzi, fi żmien il-festi tagħna żżejjen ukoll it-toroq tagħna b'ħafna forom t'arti popolari.

## Il-Moviment tal-Kontro-Riforma

L-istatwi tkattru fil-knejjes tagħna, l-aktar minn żmien il-moviment tal-Kontro-Riforma Kattolika li ħaditha kontra r-Riforma tal-Protestanti. Dawn bħall-ikonoklasti tal-qedem maqdru l-istatwi. Anki fi żmienna l-liturġiji orjentali jikkultivaw aktar l-ikoni milli l-istatwi għax iqisuhom aktar devoti u anqas korporei.

Fil-kontest tal-Kontro-Riforma Kattolika, il-knisja tagħna kienet minn ta' quddiem fil-qima ta' l-istatwi, u dan prinċipalment bis-saħħa ta' l-eremita Spanjol Fra Juan Beneguas li fil-bidu tas-seklu 17 ġab fostna tlett statwi ta' l-injam skolpiti f'Napli u ndurati li kienu jirrappreżentaw lil San Pawl, San Luqa u San Publiju. Dawn inġarru mill-Belt għall-Grotta ta' San Pawl fil-festa ta' San Luqa, 18 ta' Ottubru 1608 f'purċissjoni kbira li fiha ħadu sehem 20 elf pellegrin. Żejjen ukoll il-Grotta u l-Kulleġġ b'ħafna statwi oħra. Barra dan fir-Rabat kellna wkoll statwi qodma, bħalma huma l-istatwa antika ta' San Ġużepp, maħduma fl-injam, u meqjuma fl-oratorju ta' S. Ġużepp; l-istatwa wisq qadima tar-rħam ta' San Pawl li llum tinsab, kważi minsija, f'niċċa fil-faċċata tal-Knisja, sewwasew fuq il-bieb tal-knisja ta' S. Publiju; u żewġ statwi wisq qodma ta' l-injam San Ġwann Battista u San Ġakbu. Fl-ewwel snin tas-seklu 18 dawn ġew mogħtija lill-parroċċa ta' Ħad Dingli u llum waħda biss hi konservata, dik ta' San Ġwann.

Fl-istorja artistika ta' pajjiżna kellna diversi skulturi barranin li rċevew kumissjonijiet għal statwi f'Malta, bħalma kellna wkoll skulturi Maltin li għamel isem kbir barra minn pajjiżna. L-akbar fost dawn il-Maltin hu Melkjorre Gafa' li minkejja li diżgrazzja ħasditu fil-fjur ta' ħajtu, ħalla xogħlijiet kbar imxerda f'bostha pajjiżi u anki f'Malta, fosthom San Pawl fl-irħam fuq l-altar fil-Grotta tagħna.

## Skulturi Maltin mhux magħrufa

Bosta skulturi Maltin, li ħadmu opri artistiċi f'pajjiżna kellhom id-diżgrazzja li isimhom intesa' kompletament - tant li jinħass sew il-bżonn ta' riċerka mill-arkivji fuq skulturi Maltin. Biex ngħati eżempju, min sa ftit ilu kien jaf min kienu l-iskulturi Maltin li tawna l-istatwi ta' San Pawl u ta' San Mikiel fil-parroċċa tagħna?

Snin ilu ktibt fuq l-istatwa titulari ta' San Pawl, li noħorġu fil-purċissjoni nhar il-festa. Din kienet l-ewwel opra tal-Fratellanza ta' San Pawl, imwaqqfa mill-ġdid kanonikament fl-ewwel ta' Lulju 1767. Fl-artiklu tiegħi fil-Festi Tagħna tas-sena 1977 ppreżentajt xi ħlasijiet akkont, bil-firem ta' l-iskultur ĠIOVANNI CARUANA, ta' din l-istatwa skolpita fl-injam, u li sa Settembru 1774 kienet għadha ma tlestietx. Dwar il-ħajja u l-ħidma ta' dan l-iskultur s'issa ma nafu kważi xejn, ħlief li kien għamel xi statwetti tal-ġebel għaċ-ċimiteru ta' Ħaż-Żebbuġ.

Illum se ngħati tagħrif dwar statwa eqdem ta' l-injam li saret għal Knisja ta' San Pawl daqs 40 sena qabel, u li l-iskultur tagħha, wkoll, ftit li xejn nafu dwaru. Din hi l-istatwa ta' San Mikiel, opra ta' Maestro Ignazio Portelli. Dan it-tagħrif se natih fl-isfond tat-twaqqif ta' l-altar, u aktar tard il-Fratellanza ta' S. Mikiel, li s'issa ma nkiteb xejn dwarha.

## Qima lejn San Mikiel

Irridu ngħidu li l-qima lejn San Mikiel Arkanġlu hi wisq qadima fil-Knisja u li missirijietna kellhom devozzjoni kbira lejh. Din il-qima nsibuha mxerrda f'diversi parroċċi fosthom il-Belt Valletta fejn sa mis-sena 1674 il-Fratellanza tiegħu f'din il-Knisja ħadet ħsieb tordna f'Ruma statwa tiegħu fuq disinn u forsi esekuzzjoni tal-magħruf Domenico Guidi.

Dwar il-qima ta' S. Mikiel fir-Rabat jagħtina ħjiel siewi l-Isqof Michele Molina fl-atti taż-żjara pastorali tiegħu fis-snin 1679-1680. L-ewwelnett igħidilna li waħda mill-bosta kappelli li kienu jżejnu ċ-ċimiteru kbir u qadim ta' madwar il-knisja kienet dedikata lill-San Mikiel u kienet marbuta mal-Benefizzju Ta' Lipp. Iżda biż-żmien, bħal ħafna kappelli oħra fl-istess ċimiteru, din il-kappella ġiet profanata u l-obligi tagħha trasferiti għall-Knisja ta' San Pawl. Ikellimna wkoll dwar il-kappella wisq qadima dedikata lil San Mikiel is-Sinċier fi Ġnien is-Sultan, limiti tar-Rabat, illum magħrufa ukoll bħaħla San Cir. Din il-knisja kienet inbniet mijiet ta' snin qabel fl-art tas-Secrezia, jew tar-Re, għad-devozzjoni privata ta' dawk li kienu jaħdmu l-għelieqi, iżda l-Isqof sabha fi stat tant ħażin, bla bibien u nieqsa minn kollox, li ddeċieda li din il-knisja għandha tiġi profanata u l-Kwadru tagħha bix-xbiha ta' San Mikiel għandu jittieħed fil-Knisja Parrokkjali ta' San Pawl, u jiġi dedikat lilu wieħed mill-altari ta' din il-Knisja. Hawn wieħed irid iżomm quddiem għajnejh li għalkemm il-Knisja l-ġdida ta' San Pawl kienet ġa tlestiet, l-altari bil-prospettivi sbieħ tagħhom u bil-fondazzjonijiet li jsostnuhom, kienu għadhom ma ġewx dedikati.

Biex titwettaq id-deċiżjoni ta' l-Isqof u l-kwadru u l-altar ta' S. Mikiel jiġu kurati tajjeb, is-segretarju tal-Granmastru ffissa kapital ta' 30 skud għall-manteniment ta' l-altar. Skond l-atti tal-Vista Pastorali ta' Molina, il-kappella jew altar eżistenti ta' S. Mikiel ġie assenjat fis-sena 1689 u afdat f'idejn il-bejjiegħa tal-ħwienet.

## Opra ta' Mattia Preti

Dawn il-bejjiegħa iżda ma dehrux wisq kuntenti bil-kwadru miġjub mill-kappella ta' San Mikiel is-Sinċier (San Ċir), li wieħed jifhem kien żgħir u qadim, u ma jiffittjax tajjeb għall-qisien ġodda tal-knisja barokka sabiħa ta' Francesco Buonamici u li kienet diġa żżejjnet b'altari dekorati bi prospettivi mill-isbaħ u bi kwadri bħal dak ta' S. Anna, opra ta' Stefano Erardi (1687) u tal-Kurċifiss, miġjub minn Ruma (1684). Tant li dawn il-bejjiegħa ikkumissjonaw lil magħruf pittur Mattia Preti, fl-aħħar snin tal-ħajja twila tiegħu, biex jagħmel kwadru ġdid ta' San Mikiel u fuqu kwadrett ovali tal-Missier Etern. Fit-22 ta' Settembru 1690

Mattia Preti tħallas 50 skud għal dan il-kwadru waqt li tħallsu 4 tari' oħra għat-trasport tiegħu. Il-kwadru ta' San Mikiel, li fih reminixxenzi kbar tal-kwadru ta' Guido Reni, kien komunement attribwit għall-bottega ta' Preti, iżda hawn nixtieq nirreġistra li meta f'Ottubru 1993 ġie hawn Malta u eżamina dan il-kwadru Dr. John Spike, il-kritiku ta' fama mondjali dwar dan il-pittur, wara konsiderazzjoni fit-tul huwa ikkonferma li fil-fehma tiegħu dan mhux kwadru ta' bottega iżda oriġinali, m'għandniex xi ngħidu bil-karatteristiċi kollha tal-kwadri ta' Preti mpinġija fi xjuħitu, fl-aħħar snin ta' ħajtu. Fuqu hemm il-kwadrett ovali tal-Missier Etern li jfakkarna fi kwadru li kien pinġa l-istess Preti fil-Knisja ta' S. Barbara f'Taverna fil-Calabria. *Fuq l-artal ta' San Mikiel u Mattia Preti, ara wkoll l-istudju ta' Dr. Gerald Buġejja fil-Ktieb St. Paul's Grotto, Church and Museum at Rabat Malta (ed. J. Azzopardi) Malta 1990, p.127.*

Tradizzjoni lokali tgħid li dan ingħata b'rigal minn Preti u tħallas biss b'xehda għasel. Il-kontijiet tal-prokura ma jsemmu xejn dwar dan is-soprakwadru ovali, u dan b'xi mod jikkonferma t-tradizzjoni li qed insemmu. Biex aktar jissebbaħ il-kwadru u l-altar ta' San Mikiel, fis-sena 1694 saret l-iskoltura tal-prospettiva. Il-ġebel għal din il-prospettiva inġab mill-kappella tas-Sagrament tal-Katidral ta' l-Imdina li kien għadu kemm ġarrab ħsara kbira bit-terremot tas-sena ta' qabel. Sena wara, jiġifieri fl-1695, dawn il-bejjiegħa tal-ħwienet għamlu pass il-quddiem : waqqfu fratellanza ad unur ta' San Mikiel u fit-8 ta' Mejju, Jum l-Apparizzjoni ta' dan il-qaddis, għamlu wkoll l-ewwel proċessjoni. Iżda kellhom igħaddu madwar 36 sena biex il-fratellanza taħseb għall-istatwa sabiħa li għandna llum.



*Pittura ta' San Mikiel xogħol ta' Mattia Preti fl-1690*
*(Ritratt: Markiż Cassar Desainn)*

### Kuntratt għall-istatwa

Nafu li fil-5 t'Ottubru 1731 il-fratelli bagħtu jġibu mill-Belt Valletta statwa żgħira ta' San Mikiel biex

jeżaminawha bit-tama li tkun tista sservi ta' mudell għall-istatwa li riedu jagħmlu. Nafu wkoll li biex jiġbru l-fondi xtraw u qassmu fid-djar 143 fellus biex ikabbruhom in-nies u mbagħad ibiegħuhom u għal dawn ħallsu aktar minn ħdax-il skud. Fit-2 ta' Marzu 1732 il-Prokuratur, Dun Franġisk Azzopardi, bis-saħħa tal-approvazzjoni mogħtija minn Mons. Isqof għas-supplika li saritlu mill-Fratellanza, u fil-preżenza ta' l-Arċipriet u Provigarju Dun Klement Cuschieri, Dun Andrea Cachia u ħames konfratelli oħra, għamel il-kuntratt għall-istatwa. L-iskultur kien Mastru Ignazio Portelli, bin il-mejjet Ġiovanni, mill-Belt li ntrabat għal dawn il-kudizzjonijiet:

a)li juża injam adatt għall-iskultura u li ma jsewwisx;

b)li jżomm id-daqsijiet kollha ta' l-istatwa tal-Belt iżda jkun jista' jvarja kif jidhirlu biex jagħmilha aktar sabiħa, nobbli u rikka minnha;

c)li l-istatwa trid tingħoġob u tiġi approvata minn nies esperti;

d)li l-istatwa titlesta mill-iskoltura u mill-indoratura wkoll sal-festa ta' dik l-istess sena, jiġifieri sad-29 ta' Settembru 1732; jekk le, jista' jitqabbad skultur ieħor għad-danni tiegħu;

e)li l-ħlas totali jkun 110 skudi: dan jinkludi x-xogħol ta' l-iskultura, kif ukoll l-injam, il-ħadid, il-pedestall ornat, u l-bradella bi tlett bsaten;

f)li l-ħlas isir f'darbtejn: 30 skud mal-kuntratt u t-tmenin l-oħra malli jitlesta x-xogħol.

Dan il-kuntratt sar fir-Rabat fl-atti tan-Nutar Ignazio Debono, quddiem ix-xhieda Grazio Callus mis-Siġġiewi u Mikiel Cuschieri mill-Belt.

Trid tkun kuraġġuż biex tintrabat li tlesti mill-iskultura, indoratura etċ. statwa bħal dik fi żmien sitt xhur u l-kontijiet tal-prokuratur jagħtu indikazzjoni ċara li ż-żmien stipulat ma ġiex osservat. Igħidulna wkoll li l-istatwa ħarġet l-ewwel darba fi proċessjoni fil-festa ta' l-Apparizzjoni ta' San Mikiel fit-8 ta' Mejju 1735, meta x-xogħol kollu kien tlesta. Dak inhar il-paneġierku ta' fil-għodu kien sar minn Dun Franġisk Rossi u l-priedka ta' fil-għaxija mill-Kappillan ta' Ħaż-Żebbuġ. Is-sekondi vespri saru bil-mużika u l-Maestro di Cappella (ma jissemmiex ismu) tħallas 2 skudi u 6 tari'.

L-Iskultur, l-Indoratur, il-Mastrudaxxa u l-Ħaddied li ħadmu fl-istatwa, pedestall, bradella u niċċa għandna wkoll tagħrif detaljat fuqhom.

Fis-27 t'Ottubru 1733, jiġifieri madwar sena wara ż-żmien miftiehem fil-kuntratt oriġinali, hemm ħlas miżeru ta' żewġ skudi għal ikla (ricreazione) ta' imqarrun, ħobż u nbid għall-iskultur u sħabu, l-induratur u l-għaxar persuni li ttrasportaw l-istatwa mill-Belt għall-Knisja tagħna.
L-iskultur li kien ġa rċieva l-ewwel 30 skud akkont mal-kuntratt, irċieva l-kumplament tal-ħlas fit-2 t'April tas-sena ta' wara, 1734, u ħalla rċevuta tagħhom fl-Atti tan-Nutar Domenico Bonavia.

L-indoratur, li kien Mro Erasmo Azzopardi, tħallas fl-24 ta' Mejju 1735 u ħalla riċevuta fl-Atti tan-Nutar Ignazio Debono. Il-ħlas tiegħu kien jammonta għal 20 skud tax-xogħol ta' jdejh, inkluż xi żejt u ġibs, 37 skud għal żewġ migliari u 4 kotba deheb ta' Venezja, u 3 skudi għal żewġ libretti deheb ta' Napli.

Nafu wkoll li mir-Rabat l-istatwa reġgħet marret Ħaż-Żebbuġ għand Don Simone Buħaġiar li ta' l-kulur lill-istatwa. Ta' dan tħallas 40 skud iżda minnhom irregala 10 skudi għall-Altar. L-istatwa ġiet lura fis-27 ta' Marzu 1735 u nġarret minn 20 persuna li ġew trattati b'ħobż, inbid u żebbuġ bi spiża miżera ta' skud u 10 tari'.

Għalkemm il-bradella u x-xogħol tal-ħadid kienu jifformaw parti mill-kuntratt oriġinali, insibu ħlasijiet separati lill-mastrudaxxa Lorenzo Magri għall-bradella u lill-ħaddied Anġelo Vassallo.

Illum l-istatwa ta' San Mikiel tinżamm f'niċċa mimlija fil-ġebel in-naħa tax-xellug, faċċata ta' l-istatwa ta' Kristu Rxoxt, l-oratorju inbena f'dan is-seklu 20 bil-ġenerożita' tal-Kavalier Euġenio Schembri fil-parrokat tal-Kappillan Sammut. Qabel ma nbena l-oratorju fejn kienet tinżamm din -l-istatwa? L-istess kontijiet juru li b'ordni ta' l-Isqof thejjiet niċċa ta' l-injam għaliha. Ix-xogħol għal darb'oħra sar minn Mastru Lorenzo Magri u ħadlu 28 ġurnata bi ħlas totali ta' 10 skudi u 6 tari'. Kien assistit minn żewġ lavranti; l-ewwel wieħed ħadem għal 22 jum bi ħlas ta' 3 tari' kull jum u t-tieni ħadem għal 20 jum bi ħlas ta'tari wieħed u 5 grani kull jum.



*L-istatwa artistika ta' San Mikiel skolpita fl-injam minn Ignazio Portelli fl-1732. (Ritratt: Joseph Scerri).*

### Min kien l-iskultur Portelli

Ftit li xejn nafu fuqu u hemm bżonn issir aktar riċerka kemm dwaru kif ukoll dwar l-iskulturi Maltin l-oħra. Mill-kuntratt nafu li kien iben Ġiovanni mill-Belt. Dr. Eugenio Montanaro, studjuż ta' l-iskultura Maltija jindika id-data 27 ta' Marzu 1667 bħala d-data probabbli għat-twelid tiegħu; f'dan il-każ huwa daħal għall-istatwa tar-Rabat meta kellu 65 sena. Ghandna statwa oħra dokumentata ta' dan l-iskultur, l-istatwa ta'

San Ġużepp kummissjonata mill-Fratellanza ta' San Ġużepp fil-Knisja tal Madonna tal-Karmnu l-Belt. Din saret fis-sena 1694 u qamet 60 skud *(Lib. 1 Annali Konf. S. Giuseppe, paġ. 145, kif kwotat minn P. Lawrenz Sammut O.Carm, Is-Santwarju tal-Karmnu, Progress Press 1952, p.82).* Hi opra taż-żogħżija ta' dan l-iskultur. L-isgraffir ta' l-istatwa ta' San Ġużepp sar mill-induratur Mastru Marozz Bramon. L-istatwa tar-Rabat li aktarx saret 38 sena wara qamet aktar mid-doppju.

L-iskop ta' dan it-tagħrif storiku hu li aħna r-Rabtin napprezzaw aktar din l-istatwa, li tinsab kważi mistura f'niċċa tal-ġebel fl-oratorju tal-parroċċa tagħna, minn fejn sa ftit tas-snin ilu, kienet għadha toħroġ darba fis-sena fi proċessjoni. Din l-istatwa għandha valur artistiku konsiderevoli.

Inżidu li ż-żewġ statwi ta' l-injam li għandna fil-parroċċa, San Mikiel u San Pawl huma t-tnejn skolpiti minn artisti Maltin ftit magħrufa, u t-tnejn mudellati fuq statwi mill-isbaħ ta' skulturi magħrufa, u t-tnejn jinsabu fil-Kolleġġjata ta' San Pawl tal-Belt, San Mikiel opra ta' Domenico Guidi, u San Pawl opra tal-Malti Melkjorre Gafa'. It-tnejn saru fis-seklu 18, San Mikiel fis-sena 1733 u San Pawl madwar 40 sena wara. It-tnejn juru li skulturi Maltin kienu kapaċi jispiraw ruħhom minn opri ta' ħila u jipproduċu xogħlijiet tajba li għadna ngħożżu u napprezzaw sal-lum.

---



**"Jekk aħna mitna Miegħu ngħixu Miegħu wkoll")**
*Timotju 2.*

## MULEJ GĦATIHOM IL-MISTRIEĦ TA' DEJJEM

Il-Bord Editorjali bħal kull sena filwaqt li jfakkar lill-membri u l-ħbieb kollha fil-quddiesa li ssir kull sena għar-ruħ il-benefatturi mejtin nhar il-Festa ta' San Pawl filgħodu, tixtieq tfakkar b'mod speċjali lill-qarrejja f'dawk il-membri li mietu fl-1993:

**Filippu Azzopardi** 5 ta' Jannar
*(Ex-Bandist)*

**Karmenu Aquilina** 12 t'Ottubru
*(Ex-Mazzier tal-Kolleġġjata)*

**Pawlu Vassallo** 11 ta' Novembru
*(Ex-Membru tal-Kumitat Festi Esterni)*